SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

9 ta' Ġunju 2022 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Unjoni doganali – Kodiċi Doganali tal-Komunità – Regolament (KEE) Nru 2913/92 – Artikolu 29 – Determinazzjoni tal-valur għal skopijiet doganali – Valur ta' tranżazzjoni – Artikolu 29(1)(d) – Kunċett ta' 'persuni relatati' – Artikolu 31 – Teħid inkunsiderazzjoni tal-informazzjoni li tirriżulta minn database nazzjonali għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur għal skopijiet doganali – Regolament (KEE) Nru 2454/93 – Artikolu 143(1)(b), (e) u (f) – Sitwazzjonijiet li fihom persuni jitqiesu li huma relatati – Artikolu 181a – Dubji bbażati fuq il-veraċità tal-prezz iddikjarat"

Fil-Kawża C-599/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mil-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja), permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Novembru 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Novembru 2020, fil-proċedura

**"Baltic Master" UAB**

vs

**Muitinės departamentas prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos,**

fil-preżenza ta':

**Vilniaus teritorinė muitinė,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Prechal, President tal-Awla, J. Passer, F. Biltgen, N. Wahl (Relatur) u M. L. Arastey Sahún, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Emiliou,

Reġistratur: M. Ferreira, amministratriċi prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-17 ta' Novembru 2021,

* Lingwa tal-kawża: il-Litwan.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal “Baltic Master” UAB, minn D. Aukštuolytė, advokatė,

– għall-Gvern Litwan, minn K. Dieninis, S. Grigonis u V. Kazlauskaitė-Švenčionienė, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ċek, minn O. Serdula, M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Gvern Estonjan,, minn N. Grünberg, bħala aġent,

– għall-Gvern Spanjol, minn J. Rodríguez de la Rúa Puig, bħala aġent,

– għall-Gvern Franċiż, minn G. Bain, A.-L. Desjonquères, D. Dubois u C. Mosser, bħala aġenti,

– għall-Gvern Olandiż, minn K. Bulterman u A. Hanje, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn F. Clotuche-Duvieusart u J. Jokubauskaitė, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-20 ta’ Jannar 2022,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 29(1)(d) u tal-Artikolu 31(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta’ Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 82/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 8, p. 179), iktar ’il quddiem il-“Kodiċi Doganali tal-Komunità”), kif ukoll tal-Artikolu 143(b), (e) u (f) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta’ Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament Nru 2913/92 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 46/1999 tat-8 ta’ Jannar 1999 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 9, p. 65) (iktar ’il quddiem ir-“Regolament ta’ Implimentazzjoni”).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ tilwima bejn “Baltic Master” UAB u l-Muitinės departamentas prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos (id-Dipartiment tad-Dwana fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi tar-Repubblika tal-Litwanja) dwar id-determinazzjoni tal-valur għal skopijiet doganali ta’ ċerta merkanzija importata.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Il-Kodiċi Doganali tal-Komunità*

3 L-Artikolu 29(1) u (2) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità kien jistabbilixxi li:

"1. Il-valur doganali ta' merkanzija importata għandu jkun il-valur tat-transazzjoni, jiġifieri, il-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija meta tinbiegħ għall-esportazzjoni lit-territorju doganali tal-Komunità, aġġustat, fejn ikun meħtieġ, skond l-Artikoli 32 u 33, sakemm:

[…]

(d) li x-xerrej u l-bejjiegħ ma jiġux minn xulxin [ma jkunux relatati], jew, fejn ix-xerrej u l-bejjiegħ jiġu minn xulxin, dak il-valur tat-transazzjoni huwa aċċettabbli għall-iskopijiet doganali taħt il-paragrafu 2.

2. (a) Waqt li jkun qed jiġi stabbilit jekk valur ta' transazzjoni huwiex aċċettabbli għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, il-fatt li x-xerrej u l-bejjiegħ jiġu minn xulxin m'għandux fih innifsu jkun raġuni suffiċjenti biex il-valur tat-transazzjoni jitqies bħala mhux aċċettabbli. Fejn ikun meħtieġ, iċ-ċirkostanzi wara l-bejgħ għandhom jiġu eżaminati u l-valur tat-transazzjoni għandu jiġi aċċettat sakemm ir-relazzjoni ma tkunx influwenzat il-prezz. Jekk, fid-dawl ta' l-informazzjoni mogħtija minn min ikun għamel id-dikjarazzjoni jew mod ieħor, l-awtoritajiet doganali jkollhom raġunijiet biex iqisu li r-relazzjoni tkun influwenzat il-prezz, għandhom jikkomunikaw ir-raġunijiet tagħhom lil min ikun għamel id-dikjarazzjoni u dan għandu jingħata opportunità raġonevoli sabiex jirrispondi. Jekk min ikun għamel id-dikjarazzjoni hekk jitlob, il-komunikazzjoni tar-raġunijiet għandha tkun bil-miktub.

(b) F'bejgħ bejn persuni li jiġu minn xulxin, il-valur tat-transazzjoni għandu jiġi aċċettat u l-merkanzija stmata skond il-paragrafu 1 kull fejn min jagħmel id-dikjarazzjoni juri li dak il-valur jersaq qrib ħafna ta' waħda mis-segwenti li jiġru fl-istess ħin jew kważi:
(i) il-valur tat-transazzjoni fil-bejgħ, bejn xerrejja u bejjiegħa li ma jiġux minn xulxin f'xi każ partikolari, ta' merkanzija identika jew simili għall-esportazzjoni lejn il-Komunità;
(ii) il-valur doganali ta' merkanzija identika jew simili, kif stabbilit taħt l-Artikolu 30(2)(ċ);
(iii) il-valur doganali ta' merkanzija identika jew simili, kif stabbilit taħt l-Artikolu 30(2)(d);

Waqt li jsiru t-testijiet [applikati l-kriterji] hawn fuq imsemmija, għandhom ikunu kkonsidrati id-differenzi li jidhru f'livelli kummerċjali, livelli ta' kwantità, l-elementi enumerati fl-Artikolu 32 u spejjeż li ntefqu mill-bejjiegħ f'bejgħ li fih hu u x-xerrej ma jiġux minn xulxin u fejn dawk l-ispejjez ma gewx minfuqa mill-bejjiegħ f'bejgħ li fih hu u x-xerrej jiġu minn xulxin.

(ċ) It-testijiet [Il-kriterji] imsemmija fil-subparagrafu (b) għandhom jiġu wżati fuq l-inizjattiva ta' min jagħmel id-dikjarazzjoni u għal skopijiet ta' paragun biss. Valuri sostituti ma jistgħux jiġu stabbiliti taħt l-imsemmi subparagrafu."

4 L-Artikolu 30 ta' dan il-kodiċi jipprevedi li:

"(1) Fejn il-valur doganali ma jistax jiġi stabbilit taħt l-Artikolu 29, għandu jiġi stabbilit billi timxi sekwenzjalment minn subparagrafi (a), (b), (ċ) u (d) tal-paragrafu 2 għall-ewwel subparagrafu li taħtu jista' jiġi stabbilit, bla ħsara għall-kondizzjoni li l-ordni ta' l-applikazzjoni tas-subparagrafi (ċ) u (d) għandu jinqaleb jekk min ikun għamel id-dikjarazzjoni jitlob hekk; huwa biss meta tali valur ma jistax jiġi stabbilit taħt subparagrafu partikolari li jistgħu jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu li jkun imiss f'sekwenza stabbilita bis-saħħa ta' dan il-paragrafu.

2. Il-valur doganali kif stabbilit taħt dan l-Artikolu għandu jkun:

(a) il-valur tat-transazzjoni ta' merkanzija identika mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità u esportata fi jew kważi fl-istess żmien bħall-merkanzija li qed tkun valutata;

(b) il-valur tat-transazzjoni tal-merkanzija simili mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità u esportata fi jew kważi fl-istess żmien bħall-merkanzija li qed tkun valutata;

(ċ) il-valur ibbażat fuq il-prezz ta' l-unità li bih il-merkanzija importata għal oġġetti identiċi jew simili jinbiegħu fil-Komunità fl-akbar kwantità totali lil persuni li ma jiġux mill-bejjiegħa;

(d) il-valur maħdum, magħmul mis-somma ta':

– il-prezz jew valur ta' materjali u fabbrikazzjoni jew proċessar ieħor imħaddem fil-produzzjoni tal-merkanzija importata,

– ammont għal profitt u spejjeż ġenerali li jkun daqs dak normalment rifless fil-bejgħ ta' merkanzija ta' l-istess klassi jew xorta bħal merkanzija li qed tkun stmata li tkun magħmula minn produtturi fil-pajjiż ta' l-esportazzjoni għall-esportazzjoni lill-Komunità,

– il-prezz jew valur ta' l-oġġetti li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 32(1)(e).

3. Il-kondizzjonijiet u regoli l-oħra kollha għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2 hawn fuq għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura tal-kumitat."

5 L-Artikolu 31 tal-imsemmi kodiċi jgħid li:

"1. Fejn il-valur doganali ta' merkanzija importata ma jistax jiġi stabbilit taħt l-Artikoli 29 jew 30, għandu jiġi stabbilit, skond il-bażi ta' data disponibbli fil-Komunità, bl-użu ta' mezzi raġonevoli konsistenti mal-prinċipji u dispożizzjonijiet ġenerali ta':

– il-ftehim dwar l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ ta' l-1994,

– L-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ ta' l-1994,

[u]

– id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

2. Ebda valur doganali m'għandu jiġi stabbilit taħt il-paragrafu 1 skond il-bażi ta':

(a) il-prezz tal-bejgħ fil-Komunità tal-merkanzija prodotta fil-Komunità;

(b) sistema li tipprovdi għall-aċċettazzjoni għall-iskopijiet ta' dwana tal-ogħla minn żewġ valuri alternattivi;

(ċ) il-prezz tal-merkanzija fis-suq domestiku tal-pajjiż ta' esportazzjoni;

(d) il-prezz ta' produzzjoni, minbarra valuri maħduma li ġew stabbiliti għal merkanzija identiċi jew simili skond l-Artikolu 30(2)(d);

(e) prezzijiet għall-esportazzjoni lejn pajjiż li ma jifformax parti mit-territorju doganali tal-Komunità;

(f) valuri doganali minimi;

jew

(g) valuri arbitrarji jew fittizji."

***Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni***

6 L-Artikolu 142(1)(d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni jgħid li:

"Għall-iskopijiet ta' dan it-titolu:

[…]

(d) 'merkanzija simili' tfisser merkanzija prodotta fl-istess pajjiż li, għalkemm ma tkunx l-istess fl-aspetti kollha, ikollha karatteristiċi simili u materjali tal-komponenti simili li jippermettulha twettaq l-istess funzjonijiet u tkun kummerċjalment interkambjabbli; il-kwalità tal-merkanzija, ir-reputazzjoni tagħha u l-eżistenza ta' trademark huma fost il-fatturi li għandhom jitqiesu fid-determinazzjoni ta' jekk il-merkanzija tkunx simili".

7 L-Artikolu 143(1)(b), (e) u (f) ta' dan ir-regolament jistabbilixxi li:

"Għall-għanjiet tat-Titolu II, Kapitolu 3 tal-Kodiċi u ta' dan it-Titolu, persuni jitqiesu li jiġu minn xulxin [li huma relatati] biss jekk:

[…]

(b) ikunu legalment rikonoxxuti bħala soċji fin-negozju;

[…]

(e) wieħed minnhom, direttament jew indirettament jikkontrolla lill-ieħor;

(f) it-tnejn li huma huma direttament jew indirettament ikkonrollati minn terza persuna".

8 L-Artikolu 181a tal-imsemmi regolament jipprevedi li:

"1. L-awtoritajiet doganali m'għandhomx għalfejn jistabbilixxu l-valutazzjoni doganali tal-merkanzija importata fuq il-bażi tal-metodu tal-valur tat-transazzjoni jekk, skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 2, dawn ma jkunux sodisfatti, fuq il-bażi ta''dubji raġonevoli, li l-valur dikjarat jirrappreżenta l-ammont totali mħallas jew dovut kif imsemmi fl-Artikolu 29 tal-Kodiċi.

2. Meta l-awtoritajiet doganali jkollhom id-dubji kif deskritt fil-paragrafu 1 dawn jistgħu jitolbu għall-informazzjoni addizzjonali skond l-Artikolu 178(4). Jekk dawn id-dubji jippersistu, l-awtoritajiet doganali għandhom, qabel jieħdu deċiżjoni finali, jinnotifikaw lill-persuna interessata, bil-miktub jekk mitlub, dwar ir-raġunijiet għal dawk id-dubbji u jipprovduh bl-opportunità raġonevoli biex jirrispondi. Deċiżjoni finali u l-motivi għaliha għandhom ikunu kkomunikati bil-miktub lill-persuna interessata."

9 L-Anness 23 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, intitolat "Noti interpretattivi dwar valur doganali", jinkludi, b'mod partikolari, in-noti interpretattivi dwar l-Artikolu 29(2) u (3) kif ukoll dwar l-Artikolu 31(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, u dwar l-Artikolu 143(1)(e) ta' dan ir-regolament.

| | |
|---|---|
| Artikolu 29(2) | 1. Il-paragrafi 2(a) u (b) jipprovdu modi differenti ta' kif tistabilixxi jekk valur ta' negozju hux aċċettabbli.<br>2. Il-paragrafu 2 (a) jipprovdi li meta x-xerrej u l-bejjiegħ huma relatati, iċ-ċirkostanzi li jakkompanjaw il-bejgħ għandhom jiġu eżaminati u l-valur an-negozju jiġi aċċettat bħala il-valur doganali dment li r-relazzjoni ma' tkunx influwenzat il-prezz. Dan ma jfissirx li għandu jsir eżami taċ-ċirkostanzi f'Kull l każ fejn il-bejjiegħ u x-xerrej huma relatati. Dan l-eżami huwa meħtieġ biss meta ikun hemm dubju jekk il-prezz hux aċċettabbli. Meta l-awtoritajiet doganali ma' jkollhom l-ebda dubju dawr jekk il-prezz ikunx aċċettabbli, għandu jkun aċċettat mingħajr ma tintalab aktar informazzjoni mingħand id-dikkjarant. Per eżempju, l-awtoritajiet doganali jistgħu jkunu diġa eżaminaw ir-relazzjoni, jew jista' jkollhom diġa informazzjoni dettaljata dwar il-bejjiegħ u x-xerrej, u jistgħu diġà jkunu sodisfatti min dan l-eżami jew din l-informazzjoni illi r-relazzjoni ma' influenzatx il-prezz.<br>3. Meta l-awtoritajiet doganali ma' jkunux jistgħu jaċċettaw il-valur tat-tranżazzjoni minhajr aktar investigazzjoni, huma jridu jagħtu opportunità lid-dikkjarant biex iforni aktar informazzjoni kif ikun neċessarju biex jippermetti li jiġu eżaminati iċ-ċirkustanzi li jakkompanjaw il-bejgħ[.] [F]'dan il-kuntest, l-awtoritajiet doganali għandhom ikunu ippreparati li jexaminaw aspetti relevanti tan-negozju, inkluż il-mod li bih ix-xerrej u l-bejjiegħ jorganizzaw ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom u l-mod ta' kif il-prezz in kwistjoni jkun ġie stabbilit, sabiex jistabbilixxu jekk ir-relazzjonijiet ikunx influwenzaw il-prezz. Meta jkun jista' jiġI muri li l-bejjiegħ u x-xerrej, għalkemm relatati taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 143 ta' dan ir-Regolament, jixtru u jbiegħu lil xulxin daqs li kieku ma' kienux relatati, dan ikun juri li l-prezz ma' jkunx ġie influenzat mir-relazzjoni. Bħala eżempju ta' dan, jekk il-prezz ġie stabbilit b'manjiera konsistenti mal-prattika ta' kif jiġu ffissati il-prezzijiet fl-industrija in kwistjoni jew mal-mod kif il-bejjiegħ jistabilixxi l-prezzijiet għal bejgħ lil xerrejja li mhumiex relatati miegħu, dan juri illi l-prezz ma kienx influwenzat mir-relazzjoni. Bħala exempju ieħor meta jintwera li l-prezz kien adegwat biex jiżgura li jinġabru l-ispejjex kollha kif ukoll li jkun hemm profitt li huwa rappreżentattiv tal-profitt ġenerali tad-ditta realizzat f'perjodu rappreżentattiv ta' żmien (e.g. fuq bażi annwali) fil-bejgħ ta' merkanzija ta' l-istess klassi jew tip, dan jista' juri li l-prezz ma kienx influenzat.<br>4. Il-paragrafu 2 (b) jipprovdi opportunità għad-dikkjarant biex juri li l-valur tan-negozju japprossima fil-qrib għal valur ta' 'test' aċċettat qabel mill-awtoritajiet doganali u għalhekk aċċettabbli taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 29. Meta test taħt il-paragrafu 2 (b) huwa sodisfatt, mhux neċessarju li tiġi eżaminata il-kwistjoni taħt il-paragrafu 2 (a). Jekk l-awtoritajiet doganali jkollhom informazzjoni biżżejjed biex jiġu sodisfatti, mingħajr aktar investigazzjoni dettaljata, illi wieħed mit-testijiet imsemmija fil-paragrafu 2 (b) kien sodisfatt, ma jkunx hemm raġuni għalihom li jeħtieġu mingħand id-dikkjarant li juri li it-test jista' jiġi sodisfatt. |
| Artikolu 29(2)(b), | Numru ta' fatturi għandhom jiġu kunsiderati biex jiġi determinat jekk valur wieħed 'japprossima mill-qrib' ma' valur ieħor. Dawn il-fatturi jinkludu n-natura tal-merkanzija importata, in-natura ta' l-industrija nnifisha, l-istaġun li fih il-merkanzija ġiet importata, u jekk id-differenza fil-valur hiex kummerċjalment sinnifikanti. Peress li dawn il-fatturi jistgħu ivarjaw min każ għal każ, ikun impossibbli biex tiġi applikata uniformi standard bħala persentaġġ fissat, f'Kull l każ. Per eżempju, differenza żgħira f'każ li jinvolvi tip ta' merkanzija oħra li ma' setgħetx tiġi aċċettata meta differenza kbira f'każ li jinvolvi tip ieħor ta' merkanzija jista' jkun aċċettabli biex jiġI stabbiliti jekk il-valur tan-negozju japprossima mill-qrib il-valur tat-'test' magħmul min qabel fl-Artikolu 29(2)(b). |

| | |
|---|---|
| […] | […] |
| Artikolu 31(1) | 1. Valuri doganali stabbiliti taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 31(1) iridu, sa fejn possibbli, ikunu bbażati fuq valuri doganali determinati min qabel.<br>2. Il-metodi ta' valutazzjoni li jridu jiġu użata taħt l-Artikolu 31(1) jridu jkunu dawk stipulati fl-Artikolu 30(2), imma flessibilità raġjonevoli fl-applikazzjoni ta' ċerta metodi tista' tkun f'konformità mal-miri u d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 31(1)[.]<br>3. Xi eżempji ta' flessibilità raġjonevoli huma dawn:<br>[…]<br>(b) *merkanzija simili* – il-ħtieġa li merkanzija simili tkun esportata fl-istess żmien jew madwar l-istess żmien bħal-merkanzija li tkun qed tiġi valutata, għandha tiġi interpretata bi flessibilita; merkanzija impurtata simili prodotta f'pajjiż differenti mill-pajjiz ta' l-esportazzjoni tal-merkanzija li tkun qed tiġi valutata tista' tkun il-bażi għall-valutazzjoni doganali; il-valur doganali tal-merkanzija impurtata diġa stabbilit taħt id-dispożizzjonjijiet ta' l-Artikoli 30(2)(ċ) u (d) jista' jintuża;<br>[…] |
| […] | […] |
| Artikolu143(1)(e) | Persuna għandha kontroll fuq oħra meta ta' l-ewwel tkun f'posizzjoni li teżerċita rażan jew direzzjoni fuq tat-tieni, legalment u [jew] b'mod operattiv. |

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10 Bejn is-sena 2009 u s-sena 2012, Baltic Master importat fil-Litwanja diversi kwantitajiet ta' merkanzija li joriġinaw mill-Malasja, li hija kienet xtrat mingħand il-kumpannija Gus Group (iktar 'il quddiem il-"bejjiegħ"). Fid-dikjarazzjonijiet doganali, din il-merkanzija kienet ippreżentata bħala "partijiet ta' magni u apparat għall-arja kundizzjonata". Dawn id-dikjarazzjonijiet kienu jsemmu kodiċi TARIC wieħed biss, flimkien mal-massa totali ta' din il-merkanzija f'kilogrammi. Fl-imsemmija dikjarazzjonijiet, Baltic Master indikat bħala valur għal skopijiet doganali l-valur ta' tranżazzjoni tal-imsemmija merkanzija, jiġifieri l-prezz li jidher fuq il-fatturi tax-xiri tagħhom.

11 Wara kontroll ta' dawn l-importazzjonijiet mill-Vilniaus teritorinė muitinė (l-Awtorità Doganali Reġjonali ta' Vilnjus, il-Litwanja), din l-awtorità doganali stabbilixxiet rapport li fih hija spjegat li rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni l-valur ta' tranżazzjoni indikat fi 23 dikjarazzjoni ta' importazzjoni, għar-raġuni li, minħabba n-natura tar-relazzjonijiet kummerċjali li Baltic Master kellha mal-bejjiegħ, dawn l-impriżi kellhom jitqiesu li huma persuni relatati, fis-sens tal-Artikolu 29(1)(d) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, u li kien impossibbli li jiġi ddeterminat il-valur għal skopijiet doganali tal-merkanzija inkwistjoni fuq il-bażi tal-Artikoli 29 u 30 ta' dan il-kodiċi. F'dan ir-rapport, l-imsemmija awtorità stabbilixxiet valur għal skopijiet doganali skont l-Artikolu 31 tal-imsemmi kodiċi, billi bbażat ruħha fuq l-informazzjoni li tinsab fis-sistema ta' informazzjoni dwar l-iżdoganar tal-merkanzija mill-awtoritajiet doganali nazzjonali.

12 Baltic Master ikkontestat dan ir-rapport quddiem id-Dipartiment tad-Dwana fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi tar-Repubblika tal-Litwanja, li kkonfermah permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Marzu 2014.

13 Baltic Master ippreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Mokestinių ginčų komisija prie Lietuvos Respublikos vyriausybės (il-Kummissjoni tat-Tilwim Fiskali fi ħdan il-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja). Fit-2 ta' Lulju 2014, din tal-aħħar ikkonfermat l-imsemmija deċiżjoni, iżda eżentat lil Baltic Master mill-ħlas ta' interessi moratorji.

14 Sussegwentement, Baltic Master ippreżentat rikors quddiem il-Vilniaus apygardos administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Vilnius, il-Litwanja), li fil-kuntest tiegħu hija talbet li l-Qorti tal-Ġustizzja tiġi adita b'talba għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 29, 30 u 31 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità kif ukoll tal-Artikolu 143 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni. Permezz ta' sentenza tal-5 ta' Jannar 2015, l-imsemmija qorti ċaħdet dan ir-rikors billi qieset li ma kienet meħtieġa ebda interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

15 Adita b'rikors kontra din is-sentenza, il-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja), il-qorti tar-rinviju, permezz ta' sentenza tat-22 ta' Marzu 2016, ikkonfermat l-imsemmija sentenza.

16 Wara s-sentenza tal-Qorti EDB tas-16 ta' April 2019, Baltic Master LTD vs Il-Litwanja (CE:ECHR:2019:0416JUD005509216), li permezz tagħha din il-qorti, adita b'rikors ippreżentat minn Baltic Master kontra r-Repubblika tal-Litwanja, ikkonstatat ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, minħabba l-insuffiċjenza tal-motivazzjoni dwar ir-rifjut tal-qrati Litwani li jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju laqgħet it-talba mressqa minn Baltic Master għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura.

17 Skont din l-aħħar qorti, il-proċess għad-dispożizzjoni tagħha ma jinkludi ebda dokument li juri l-eżistenza ta' rabta, fis-sens tal-Artikolu 143(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, bejn il-bejjiegħ u Baltic Master. Fil-fatt, ma teżistix informazzjoni li tippermetti li jitqies li dawn l-impriżi għandhom legalment il-kwalità ta' soċji, fis-sens tal-Artikolu 143(1)(b) ta' dan ir-regolament jew li jeżisti relazzjoni ta' kontroll, diretta jew indiretta, kif imsemmi fl-Artikolu 143(1)(e) u (f).

18 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tosserva li huwa stabbilit li, l-ewwel, il-bejjiegħ u Baltic Master għandhom rabta bejniethom minħabba relazzjoni kummerċjali twila, it-tieni, il-merkanzija ġiet ikkunsinnata fl-assenza ta' kuntratt ta' bejgħ li jispeċifika l-kundizzjonijiet ta' kunsinna, ta' ħlas, ta' ritorn tal-merkanzija u ta' kundizzjonijiet oħra speċifiċi għal din it-tip ta' tranżazzjoni, it-tielet, il-merkanzija ġiet ikkunsinnata mingħajr ma sar l-iċken ħlas bil-quddiem u minkejja l-fatt li Baltic Master kellha tagħti ammonti sinjifikattivi ta' flus lill-bejjiegħ għal kunsinni preċedenti, ir-raba', minkejja l-valur partikolarment għoli tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni, ma ġiet ikkostitwita jew prevista ebda garanzija jew miżura ta' minimizzazzjoni tar-riskji, il-ħames, ma jeżisti ebda element li jippermetti li jitqies li l-bejjiegħ issorvelja l-eżekuzzjoni tajba tal-ħlasijiet dovuti u tal-obbligi l-oħra u, fl-aħħar nett, is-sitt, ġew ikkonstatati każijiet li fihom l-impjegati ta' Baltic Master irċevew mandat sabiex jaġixxu f'isem il-bejjiegħ u użaw it-timbru ta' dan tal-aħħar.

19 L-elementi elenkati fil-punt preċedenti jippermettu li tiġi preżunta l-eżistenza ta' rabta partikolarment mill-qrib bejn Baltic Master u l-bejjiegħ, li minħabba fiha t-tranżazzjonijiet inkwistjoni twettqu f'kundizzjonijiet li ma humiex parti mill-prattika kummerċjali ordinarja u

mingħajr ma hemm element oġġettiv ta' natura li jiġġustifika l-loġika ekonomika ta' dawn it-tranżazzjonijiet. Tali aġir jikkorrispondi għal dak li jinsab f'sitwazzjonijiet fejn waħda mill-partijiet tikkontrolla lill-oħra jew meta ż-żewġ partijiet ikunu kkontrollati minn terz.

20 Il-qorti tar-rinviju tqis għalhekk li l-imsemmija elementi fattwali jistgħu jaqgħu taħt kontroll *de facto* u li l-partijiet fit-tranżazzjoni jistgħu jitqiesu bħala persuni relatati, skont l-Artikolu 143(1)(e) jew (f) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni. Din il-qorti żżid li, abbażi ta' dawn l-elementi, l-Awtorità Doganali Reġjonali ta' Vilnjus qieset lil Baltic Master u lill-bejjiegħ bħala persuni relatati, skont l-Artikolu 143(1)(b) ta' dan ir-regolament, jiġifieri persuni li kellhom *de facto* l-kwalità ta' soċji, iżda hija tistaqsi dwar il-fondatezza ta' tali klassifikazzjoni fid-dawl tal-formulazzjoni ta' din l-aħħar dispożizzjoni, li tirreferi għall-persuni li għandhom legalment il-kwalità ta' soċji.

21 Barra minn hekk, l-imsemmija qorti tistaqsi dwar il-possibbiltà li jintuża l-metodu ta' determinazzjoni tal-valur għal skopijiet doganali previst fl-Artikolu 31(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, meta, għal dan il-għan, l-awtoritajiet doganali jużaw informazzjoni li tinsab f'database nazzjonali li tirrigwarda biss importazzjoni waħda ta' merkanzija, li, għalkemm tkun taqa' taħt l-istess kodiċi TARIC, u jkollha l-istess oriġini, ma tistax titqies li hija simili, fis-sens tal-Artikolu 142(1)(d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni.

22 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Lietuvos vyriausiasis administracinis teismas (il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Litwanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 29(1)(d) [tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità] u l-Artikolu 143(1)(b), (e) jew (f) tar-[Regolament ta' Implimentazzjoni] għandhom jiġu interpretati fis-sens li x-xerrej u l-bejjiegħ jitqiesu li huma persuni relatati fil-każijiet fejn, bħal f'dan il-każ, fl-assenza ta' dokumenti (data uffiċjali) li jipprovaw sħubija jew kontroll kummerċjali, iċ-ċirkustanzi relatati mal-konklużjoni ta' tranżazzjonijiet huma, madankollu, fuq il-bażi ta' provi oġġettivi, karatteristiċi, mhux tat-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi taħt kundizzjonijiet normali, iżda pjuttost ta' każijiet li fihom [, l-ewwel,] hemm relazzjonijiet kummerċjali partikolarment mill-qrib ibbażati fuq livell għoli ta' fiduċja reċiproka bejn il-partijiet fit-tranżazzjoni, jew [, it-tieni,] parti waħda fit-tranżazzjoni tikkontrolla lill-oħra jew iż-żewġ partijiet fit-tranżazzjoni huma kkontrollati minn parti terza?

2) L-Artikolu 31(1) [tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità] għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi d-determinazzjoni tal-valur doganali abbażi ta' informazzjoni li tinsab f'database nazzjonali relatata mal-valur doganali wieħed ta' oġġetti li għandhom l-istess oriġini u li, minkejja li ma humiex simili, fis-sens tal-Artikolu 142(1)(d) tar-[Regolament ta' Implimentazzjoni], jaqgħu taħt l-istess [kodiċi] TARIC?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

23 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 29(1)(d) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità u l-Artikolu 143(1)(b), (e) u (f) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni għandhomx jiġu interpretati fis-sens li x-xerrej u l-bejjiegħ

għandhom jitqiesu li huma relatati, f'sitwazzjoni li fiha ma jeżistix dokument li jippermetti li tiġi stabbilita tali rabta, iżda li fiha l-kundizzjonijiet għall-konklużjoni tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni, ikkonfermati minn elementi oġġettivi, jistgħu jitqiesu li jindikaw l-eżistenza ta' kontroll *de facto*.

24 Qabelxejn, għandu jitfakkar li d-dritt tal-Unjoni dwar il-valutazzjoni doganali huwa intiż sabiex jistabbilixxi sistema ekwa, uniformi u newtrali li teskludi l-użu ta' valuri għal skopijiet doganali arbitrarji jew fittizji. Il-valur għal skopijiet doganali għandu għalhekk jirrifletti l-valur ekonomiku reali ta' merkanzija importata u, għaldaqstant, għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha ta' din il-merkanzija li għandhom valur ekonomiku (sentenza tal-20 ta' Ġunju 2019, Oribalt Rīga, C-1/18, EU:C:2019:519, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 B'mod partikolari, skont l-Artikolu 29 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, il-valur għal skopijiet doganali tal-merkanzija importata huwa kkostitwit mill-valur ta' tranżazzjoni tagħha, jiġifieri bil-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija meta din tinbiegħ għall-esportazzjoni lejn it-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea, bla ħsara madankollu għal aġġustamenti li għandhom isiru konformement, b'mod partikolari, mal-Artikolu 32 ta' dan il-kodiċi (sentenza tad-19 ta' Novembru 2020, 5th AVENUE Products Trading, C-775/19, EU:C:2020:948, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Kif diġà indikat il-Qorti tal-Ġustizzja, il-valur għal skopijiet doganali għandu jiġi ddeterminat, bi prijorità, skont il-metodu msejjaħ "tal-valur ta' tranżazzjoni" tal-merkanzija importata. Dan il-metodu ta' determinazzjoni tal-valur għal skopijiet doganali huwa għalhekk meqjus bħala l-iktar wieħed adattat u l-iktar wieħed użat ta' spiss (sentenza tad-19 ta' Novembru 2020, 5th AVENUE Products Trading, C-775/19, EU:C:2020:948, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Il-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-merkanzija jikkostitwixxi għalhekk, bħala regola ġenerali, il-bażi ta' kalkolu tal-valur għal skopijiet doganali, anki jekk dan il-prezz huwa fattur li għandu eventwalment jiġi aġġustat meta din l-operazzjoni hija neċessarja sabiex tiġi evitata d-determinazzjoni ta' valur għal skopijiet doganali arbitrarju jew fittizju (sentenza tal-20 ta' Ġunju 2019, Oribalt Rīga, C-1/18, EU:C:2019:519, punti 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 B'dan premess, l-Artikolu 29(1)(d) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità jippermetti li jiġi eskluż il-valur ta' tranżazzjoni tal-merkanzija importata meta jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet kumulattivi, jiġifieri, minn naħa, li x-xerrej u l-bejjiegħ ikunu relatati, fis-sens ta' dan il-kodiċi, u, min-naħa l-oħra, li dan il-valur ta' tranżazzjoni ma jkunx aċċettabbli għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur għal skopijiet doganali.

29 Skont l-Artikolu 143(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, persuni jistgħu jitqiesu li huma relatati biss jekk jaqgħu taħt waħda mis-sitwazzjonijiet enumerati b'mod eżawrjenti f'din id-dispożizzjoni. Għalhekk, skont dan l-Artikolu 143(1)(b), persuni li jkollhom legalment il-kwalità ta' soċji jitqiesu li huma relatati. Dan japplika wkoll, skont l-imsemmi Artikolu 143(1)(e) u (f), meta persuna tikkontrolla direttament jew indirettament lill-oħra jew meta t-tnejn huma kkontrollati direttament jew indirettament minn terz.

30 Fl-ewwel lok, ma jistax jintlaqa' l-argument żviluppat essenzjalment mill-Istati Membri kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea fl-osservazzjonijiet rispettivi tagħhom li jgħid li l-kliem tal-Artikolu 143(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni għandu jiġi injorat peress li interpretazzjoni stretta ta' din id-dispożizzjoni tista' tippreġudika l-effett utli tal-Artikolu 29(1)(d) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità u taffettwa l-kapaċità tal-awtoritajiet doganali li jinjoraw valur ta' tranżazzjoni.

31 Fil-fatt, għandu jiġi osservat, minn naħa, li dan l-argument imur kontra mhux biss in-natura restrittiva tas-sitwazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 143(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, iżda wkoll l-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni u mill-Artikolu 29 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 24 sa 26 ta' din is-sentenza, il-metodu tal-valur ta' tranżazzjoni tal-merkanzija importata jikkostitwixxi l-metodu li għandu jiġi applikat bi prijorità sabiex jiġi ddeterminat il-valur tagħha għal skopijiet doganali. Id-dispożizzjonijiet li jippermettu li ma jiġix applikat dan il-metodu għandhom għalhekk, bħala derogi għal dan il-prinċipju, jiġu interpretati b'mod strett.

32 Min-naħa l-oħra, l-allegazzjoni li tgħid li l-awtoritajiet doganali jirriskjaw li tiġi affettwata l-kapaċità tagħhom li jinjoraw valur ta' tranżazzjoni mhux adegwat minħabba interpretazzjoni stretta tal-Artikolu 143(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni ma hijiex xierqa.

33 Qabelxejn, skont il-formulazzjoni tiegħu stess, l-Artikolu 143(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprevedi sensiela ta' sitwazzjonijiet li fihom l-awtoritajiet doganali jistgħu jqisu li l-bejjiegħ u x-xerrej huma relatati u li fihom huma jistgħu għalhekk, jekk ikun il-każ, jinjoraw il-valur ta' tranżazzjoni previst fl-Artikolu 29(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità.

34 Sussegwentement, kif enfasizzat il-Kummissjoni waqt is-seduta, l-Artikolu 181a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, introdott wara l-emenda ta' dan tal-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3254/94 tad-19 ta' Diċembru 1994 li jemenda r-Regolament Nru 2454/93 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 5, p. 326), jippermetti lill-awtoritajiet doganali jinjoraw il-valur ta' tranżazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur għal skopijiet doganali, meta dawn l-awtoritajiet iqisu li l-valur iddikjarat ta' merkanzija importata ma jirriflettix il-valur reali tagħha, u dan indipendentement mill-eżistenza ta' rabta bejn Baltic Master u l-bejjiegħ (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Frar 2008, Carboni e derivati, C-263/06, EU:C:2008:128, punt 52, u tas-16 ta' Ġunju 2016, EURO 2004. Hungary, C-291/15, EU:C:2016:455, punt 31).

35 Fit-tieni lok, għal dak li jirrigwarda r-rabta bejn persuni minħabba l-kwalità tagħhom ta' soċji, imsemmija fl-Artikolu 143(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, għandu jiġi enfasizzat li l-formulazzjoni stess ta' din id-dispożizzjoni jeskludi kull assoċjazzjoni *de facto*.

36 Kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punti 42 u 43 tal-konklużjonijiet tiegħu, din id-dispożizzjoni li tirrigwarda l-persuni li jkunu "legalment rikonoxxuti bħala soċji fin-negozju", teħtieġ, għall-finijiet tal-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' rabta, li jintwera li l-kundizzjonijiet previsti mid-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-kwalità ta' soċji huma ssodisfatti, u b'hekk teskludi kull assoċjazzjoni li ma hijiex *de jure*.

37 Fit-tielet lok, għal dak li jirrigwarda l-persuni meqjusa li huma relatati, skont l-Artikolu 143(1)(e) u (f) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, meta waħda minnhom tikkontrolla lill-oħra direttament jew indirettament jew meta t-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn terz, huwa importanti, kif tikkonferma n-nota interpretattiva fil-qasam tal-valur għal skopijiet doganali relatata ma' dan l-Artikolu 143(1)(e), li tinsab fl-Anness 23 ta' dan ir-regolament, li ssir distinzjoni, minn naħa, bejn il-kontroll *de jure* u, min-naħa l-oħra, il-kontroll *de facto*.

38 Minn naħa, għal dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' kontroll *de jure*, mill-elementi elenkati fil-punt 18 ta' din is-sentenza jirriżulta li ebda dokument ma jippermetti li jitqies li teżisti relazzjoni ta' kontroll *de jure*, diretta jew indiretta, kif previst fl-imsemmi Artikolu 143(1)(e) u (f). Għaldaqstant, kontroll *de jure* jidher li għandu jiġi eskluż fil-kuntest tal-kawża prinċipali, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

39 Min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' kontroll *de facto*, min-nota interpretattiva msemmija fil-punt 37 ta' din is-sentenza jirriżulta li persuna hija meqjusa li tikkontrolla persuna oħra meta hija tkun f'pożizzjoni li teżerċita fuqha rażan jew direzzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Direktor na Teritorialna direktsiya Yugozapadna Agentsiya "Mitnitsi", C-76/19, EU:C:2020:543, punt 67).

40 Issa, l-elementi fattwali msemmija fil-punt 18 ta' din is-sentenza jidhru li jikkonfermaw rabta ta' fiduċja mill-qrib bejn il-bejjiegħ u Baltic Master, iżda ma jidhrux li jippermettu li jiġi konkluż li teżisti tali setgħa ta' rażan jew ta' direzzjoni, liema fatt għandu madankollu jiġi kkonfermat mill-qorti tar-rinviju.

41 Jekk, fi tmiem dawn il-verifiki, il-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni li, f'dan il-każ, ix-xerrej u l-bejjiegħ ma humiex relatati, fis-sens tal-Artikolu 29(1)(d) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, minn dan ikun jirriżulta li l-valur għal skopijiet doganali tal-merkanzija importata kellu, bħala prinċipju, jiġi ddeterminat abbażi tal-valur ta' tranżazzjoni tagħha u mhux abbażi ta' metodu ieħor ta' evalwazzjoni, bħal dak imsemmi fl-Artikolu 31(1) ta' dan il-kodiċi.

42 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li l-Artikolu 29(1)(d) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità u l-Artikolu 143(1)(b), (e) u (f) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

– ix-xerrej u l-bejjiegħ ma jistgħux jitqiesu li jkollhom legalment il-kwalità ta' soċji jew li jkunu relatati minħabba relazzjoni ta' kontroll *de jure*, diretta jew indiretta, f'sitwazzjoni li fiha ma jkun jeżisti ebda dokument li jippermetti li tiġi stabbilita tali rabta;

– ix-xerrej u l-bejjiegħ jistgħu jitqiesu li jkunu relatati minħabba relazzjoni ta' kontroll *de facto*, diretta jew indiretta, f'sitwazzjoni li fiha l-kundizzjonijiet ta' konklużjoni tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni, ikkonfermati minn elementi oġġettivi, jistgħu jitqiesu li jindikaw mhux biss li tkun teżisti rabta ta' fiduċja mill-qrib bejn dan ix-xerrej u dan il-bejjiegħ, iżda li wieħed minnhom ikun f'pożizzjoni li jeżerċita setgħa ta' rażan jew ta' direzzjoni fuq l-ieħor jew li terz ikun f'pożizzjoni li jeżerċita tali setgħa fuqhom.

### *Fuq it-tieni domanda*

43 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 31(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li, meta l-valur għal skopijiet doganali ta' merkanzija importata ma jkunx seta' jiġi ddeterminat skont l-Artikoli 29 u 30 ta' dan il-kodiċi, dan jiġi ddeterminat abbażi tal-informazzjoni li tinsab f'database nazzjonali dwar il-valur għal skopijiet doganali tal-merkanzija tal-istess oriġini biss li, minkejja li ma tkunx "simili", fis-sens tal-Artikolu 142(1)(d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, taqa' taħt l-istess kodiċi TARIC.

44 Qabelxejn, għandu jiġi osservat li, kif jirriżulta mill-punt 41 ta' din is-sentenza, din it-tieni domanda tqum biss jekk, fi tmiem il-verifiki li hija għandha twettaq fid-dawl tar-risposta għall-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju kellha tikkonkludi li l-awtoritajiet doganali ċaħdu ġustament l-valur ta' tranżazzjoni sabiex jiddeterminaw il-valur għal skopijiet doganali tal-merkanzija kkonċernata, għar-raġuni li, f'dan il-każ, ix-xerrej u l-bejjiegħ huma relatati fis-sens tal-Artikolu 29(1)(d) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, u li l-valur ta' tranżazzjoni ma humiex aċċettabbli għal skopijiet doganali, skont l-Artikolu 29(2) ta' dan il-kodiċi. Fil-fatt, jekk il-qorti tar-rinviju tasal għall-konklużjoni opposta li l-valur għal skopijiet doganali tal-imsemmija merkanzija kellu jiġi ddeterminat abbażi tal-valur ta' tranżazzjoni tagħha skont l-Artikolu 29 tal-imsemmi kodiċi, dan il-valur għal skopijiet doganali ma jkunx jista' jiġi ddeterminat abbażi tal-Artikolu 31(1) tal-istess kodiċi, b'tali mod li t-tieni domanda, li tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tal-aħħar, issir mingħajr skop.

45 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li kemm mill-formulazzjoni tal-Artikoli 29 sa 31 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità kif ukoll mill-ordni li biha għandhom jiġu applikati l-kriterji ta' determinazzjoni tal-valur għal skopijiet doganali abbażi ta' dawn l-artikoli jirriżulta li hemm rabta ta' sussidjarjetà bejn dawn id-dispożizzjonijiet. Fil-fatt, huwa biss meta l-valur għal skopijiet doganali ma jkunx jista' jiġi stabbilit permezz ta' applikazzjoni ta' dispożizzjoni partikolari li jkun hemm lok li jsir riferiment għad-dispożizzjoni li tiġi immedjatament warajha fl-ordni stabbilita (sentenza tas-16 ta' Ġunju 2016, EURO 2004. Hungary, C-291/15, EU:C:2016:455, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Għal dak li jirrigwarda b'mod partikolari l-Artikolu 30(2) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jidher li jirriżulta li l-awtoritajiet doganali kompetenti ma setgħux jużaw il-metodi ta' determinazzjoni tal-valur għal skopijiet doganali previsti f'din id-dispożizzjoni peress li Baltic Master iddeċidiet li tippreżenta l-merkanzija importata b'mod qasir fid-dikjarazzjonijiet doganali, billi llimitat ruħha li tagħti l-kodiċi TARIC tagħha kif ukoll il-massa totali tagħha, liema fatt għandu madankollu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju. F'dan ir-rigward, hija din il-qorti li għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni eventwalment sottomessa minn Baltic Master lil dawn l-awtoritajiet għall-finijiet tal-applikazzjoni kemm tal-Artikolu 29(2) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, moqri fid-dawl tan-nota interpretattiva fil-qasam tal-valur għal skopijiet doganali relatata ma' dan l-Artikolu 29(2), li tinsab fl-Anness 23 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, kif ukoll tal-Artikolu 181a ta' dan ir-regolament.

47 Sussegwentement, għandu jiġi enfasizzat li, konformement mal-formulazzjoni tal-Artikolu 31(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, meta l-valur għal skopijiet doganali tal-merkanzija importata ma jkunx jista' jiġi ddeterminat b'applikazzjoni tal-Artikoli 29 u 30 ta' dan il-kodiċi, dan għandu jiġi ddeterminat, abbażi tad-data disponibbli fl-Unjoni Ewropea, permezz ta' mezzi raġonevoli kompatibbli mal-prinċipji u mad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-ftehimiet internazzjonali kif ukoll tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 3 tal-imsemmi kodiċi.

48 Fl-aħħar nett, il-punt 1 tan-nota interpretattiva fil-qasam tal-valur għal skopijiet doganali relatata mal-Artikolu 31(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, li tinsab fl-Anness 23 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, jippreċiża qabelxejn li l-valuri għal skopijiet doganali ddeterminati bl-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għandhom, sa fejn huwa possibbli, jibbażaw ruħhom fuq valuri għal skopijiet doganali ddeterminati preċedentement. Il-punt 2 ta' din in-nota jenfasizza sussegwentement li l-metodi ta' evalwazzjoni li għandhom jintużaw skont l-imsemmija

dispożizzjoni għandhom ikunu dawk stipulati fl-Artikoli 29 sa 30(2) ta' dan il-kodiċi, iżda li flessibbiltà raġonevoli fl-applikazzjoni ta' dawn il-metodi hija konformi mal-għanijiet u mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31 tal-imsemmi kodiċi.

49 Mill-informazzjoni trażmessa mill-qorti tar-rinviju jirriżulta, minn naħa, li Baltic Master iddeskriviet il-merkanzija importata inkwistjoni fid-dikjarazzjonijiet doganali tagħha bħala "partijiet ta' magni u apparat għall-arja kundizzjonata", billi kklassifikathom taħt kodiċi TARIC wieħed u billi indikat il-massa totali ta' din il-merkanzija f'kilogrammi. Min-naħa l-oħra, skont din l-informazzjoni, l-awtorità doganali inkwistjoni injorat il-valur ta' tranżazzjoni ddikjarat minn Baltic Master u ddeterminat il-valur għal skopijiet doganali tal-imsemmija merkanzija skont l-Artikolu 31(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità billi użat data li tinsab f'database nazzjonali dwar merkanzija importata minn importatur ieħor matul is-sena 2010, jiġifieri s-sena ta' wara dik tal-ewwel importazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, iddikjarata taħt l-istess kodiċi TARIC u li toriġina mill-istess manifattur.

50 F'dan il-każ, il-kodiċi TARIC użat jiġbor flimkien sensiela differenti ta' partijiet ta' magni għall-arja kundizzjonata, bħal pannelli tal-plastik għal magni bil-mutur, ċrieki tal-metall, pajpijiet, kejbils ta' trażmissjoni, swiċċijiet, sensuri tal-pressjoni, tagħmir ta' diffużjoni bil-vortiċi fl-art ta' binjiet u ċirkuwiti elettroniċi.

51 B'hekk, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fid-dawl tal-eteroġeneità tal-partijiet li jaqgħu taħt dan il-kodiċi TARIC u fl-assenza ta' deskrizzjoni ddettaljata tal-merkanzija importata, determinazzjoni tal-valur għal skopijiet doganali ta' din tal-aħħar skont l-Artikolu 31(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, abbażi tal-valur ta' tranżazzjoni ta' merkanzija simili, hijiex possibbli fil-kuntest tat-tilwima li biha hija adita, filwaqt li l-kunċett ta' "merkanzija simili", iddefinit fl-Artikolu 142(1)(d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, jippreżupponi omoġeneità tal-merkanzija importata, li hija diffiċli li tiġi rrikonċiljata mad-diversità tal-prodotti kklassifikati taħt l-imsemmi kodiċi TARIC.

52 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li d-definizzjoni ta' dan il-kunċett li tinsab f'dan l-Artikolu 142(1)(d) tirrigwarda d-determinazzjoni tal-valur għal skopijiet doganali skont l-Artikolu 30(2)(b) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità. Issa, għalkemm mill-punt 2 tan-nota interpretattiva, msemmija fil-punt 48 ta' din is-sentenza, jirriżulta li l-metodi ta' evalwazzjoni li għandhom jintużaw skont l-Artikolu 31 ta' dan il-kodiċi għandhom ikunu dawk stipulati fl-Artikoli 29 sa 30(2) tiegħu, dan l-istess punt jippreċiża li dawn il-metodi għandhom jiġu applikati bi flessibbiltà raġonevoli, b'mod partikolari fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kunċett ta' "merkanzija simili".

53 F'dan il-każ, ma jistax jitqies li huwa irraġonevoli li, wara li jkunu ċaħdu, konformement mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, il-valur ta' tranżazzjoni ta' merkanzija importata għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur għal skopijiet doganali tagħha, awtoritajiet doganali jibbażaw ruħhom, waqt kontroll *a posteriori*, fuq elementi trażmessi mid-dikjarant, jiġifieri l-piż ta' din il-merkanzija u l-kodiċi TARIC li għaliha tkun tappartjeni. F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li dan il-kodiċi huwa bbażat fuq sistema dikjarattiva, sabiex kemm jista' jkun jiġu limitati l-formalitajiet u l-kontrolli doganali filwaqt li jiġu evitati l-frodi jew l-irregolaritajiet li jistgħu jikkawża preġudizzju għall-baġit tal-Unjoni (sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Unipack, C-391/19, EU:C:2020:547, punt 22).

54 Għaldaqstant, fid-dawl, qabelxejn, tan-neċessità li jiġi stabbilit valur għal skopijiet doganali fl-ipoteżi fejn impriża ma tipprovdix informazzjoni preċiża jew affidabbli biżżejjed dwar il-valur għal skopijiet doganali tal-merkanzija kkonċernata, sussegwentement, tad-diliġenza li għandhom juru l-awtoritajiet doganali meta japplikaw kull wieħed mill-metodi suċċessivi ta' determinazzjoni tal-valur għal skopijiet doganali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2017, LS Customs Services, C-46/16, EU:C:2017:839, punt 52) u, fl-aħħar nett, tal-"flessibbiltà raġonevoli" li biha, konformement mal-punt 2 tan-nota interpretattiva msemmija fil-punti 48 u 52 ta' din is-sentenza, dawn il-metodi għandhom jiġu applikati, għandu jiġi ammess li data li tinsab f'database nazzjonali, dwar merkanzija li taqa' taħt l-istess kodiċi TARIC u li toriġina mill-istess bejjiegħ bħall-merkanzija kkonċernata, tikkostitwixxi "data disponibbli fl-Unjoni", fis-sens tal-Artikolu 31(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, li tista' jintuża bħala l-bażi għad-determinazzjoni tal-valur għal skopijiet doganali tal-merkanzija kkonċernata.

55 Fil-fatt, ir-riferiment għal din id-data jikkostitwixxi mezz sabiex jiġi ddeterminat dan il-valur li huwa, fl-istess ħin, "raġonevoli", fis-sens tal-imsemmi Artikolu 31(1), u kompatibbli kemm mal-prinċipji kif ukoll mad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-ftehimiet internazzjonali u tad-dispożizzjonijiet li għalihom jirreferi dan l-istess Artikolu 31(1) (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2017, GE Healthcare, C-173/15, EU:C:2017:195, punt 81).

56 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda hija li l-Artikolu 31(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li, meta l-valur għal skopijiet doganali ta' merkanzija importata ma jkunx seta' jiġi ddeterminat skont l-Artikoli 29 u 30 ta' dan il-kodiċi, dan jiġi ddeterminat abbażi tal-informazzjoni li tinsab f'database nazzjonali dwar il-valur għal skopijiet doganali tal-merkanzija tal-istess oriġini biss li, minkejja li ma tkunx "simili", fis-sens tal-Artikolu 142(1)(d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni, taqa' taħt l-istess kodiċi TARIC.

## Fuq l-ispejjeż

57 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**1) L-Artikolu 29(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 82/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996, u l-Artikolu 143(b), (e) u (f) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2913/92, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 46/1999 tat-8 ta' Jannar 1999, għandhom jiġu interpretati fis-sens li:**

– **ix-xerrej u l-bejjiegħ ma jistgħux jitqiesu li jkollhom legalment il-kwalità ta' soċji jew li jkunu relatati minħabba relazzjoni ta' kontroll *de jure*, diretta jew indiretta, f'sitwazzjoni li fiha ma jkun jeżisti ebda dokument li jippermetti li tiġi stabbilita tali rabta;**

– **ix-xerrej u l-bejjiegħ jistgħu jitqiesu li jkunu relatati minħabba relazzjoni ta' kontroll *de facto*, diretta jew indiretta, f'sitwazzjoni li fiha l-kundizzjonijiet ta' konklużjoni tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni, ikkonfermati minn elementi oġġettivi, jistgħu jitqiesu li jindikaw mhux biss li tkun teżisti rabta ta' fiduċja mill-qrib bejn dan ix-xerrej u dan il-bejjiegħ, iżda li wieħed minnhom ikun f'pożizzjoni li jeżerċita setgħa ta' rażan jew ta' direzjoni fuq l-ieħor jew li terz ikun f'pożizzjoni li jeżerċita tali setgħa fuqhom.**

2) **L-Artikolu 31(1) tar-Regolament Nru 2913/92, kif emendat bir-Regolament Nru 82/97, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li, meta l-valur għal skopijiet doganali ta' merkanzija importata ma jkunx seta' jiġi ddeterminat skont l-Artikoli 29 u 30 ta' dan il-kodiċi, dan jiġi ddeterminat abbażi tal-informazzjoni li tinsab f'database nazzjonali dwar il-valur għal skopijiet doganali tal-merkanzija tal-istess oriġini biss li, minkejja li ma tkunx "simili", fis-sens tal-Artikolu 142(1)(d) tar-Regolament Nru 2454/93, kif emendat bir-Regolament Nru 46/1999, taqa' taħt l-istess kodiċi TARIC.**

Firem